**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 338/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ruben Callus**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Ruben Callus, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 456182(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, nhar l-24 ta' Settembru 2019, għall-ħabta ta bejn is-sitta ta' filgħodu (06: 00hrs) u t-tmienja ta' filgħodu (08: 00hrs) ġewwa Triq Santa Tereża, Bormla:-

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Alfred Aquilina, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 253540(M), bi ksur tal-Artikoli 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JAA 189 b'manjiera traskurata;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JAA 189 b'manjiera perikoluza;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JAA 189 b'manjiera bla kont.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Ruben Callus mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u lliberatu minn kull ħtija u piena dwarhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-8 ta' Frar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan l-appell skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja, u dan billi ssib ħtija fl-imputat għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati u tinfliġġi piena skond il-liġi, b'dan illi jekk dina l-Qorti ssib ħtija fl-appellat għar-reati relattivi jew liema minnhom, timponi dawk il-konsegwenzi li tipprospetta l-liġi, fosthom l-applikazzjoni tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) u/jew 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-eredi u/jew familjari tal-vittma.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-Avukat Ġenerali jilmenta li "*id-diċitura wzata fiċ-ċitazzjoni ma torbotx lill-Qorti in kwantu l-post fejn seħħ ir-reat, u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati zbaljat meta qieset li ismijiet differenti mogħtija lill-partijiet differenti tal-istess tratt ta' triq bħala determinanti għall-ezitu tal-kaz*". Huwa jtenni li "*għalkemm ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar il-post fiziku fejn seħħ l-inċident, inħolqu dubbji purament akkademiċi dwar fejn jibdew u jispiċċaw l-ismijiet differenti li ngħataw lil partijiet differenti tal-istess tratt ta' triq, u dawn id-dubbji bla bzonn wasslu lill-Qorti tal-Maġistrati biex tiddipartixxi mit-tagħlim ormai ikkonsolidat dwar iċ-ċitazzjoni u wassluha sabiex tillibera lil Callus fuq dik il-bazi*".

Illi, minn eżami tas-sentenza appellata, għalkemm l-Ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet li wassluha sabiex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati, issemmi n-nuqqas ta' indikazzjoni preċiża tal-lok fejn seħħ is-sinistru stradali, madanakollu ma tistrieħx biss fuq din il-premessa sabiex teżimi lill-appellat mir-responsabbilta' tiegħu għall-inċident, iżda tikkonsidra fatturi oħra bħan-negliġenza kontributorja tal-vittma. Tqis madanakollu illi d-difiża ressqet provi sal-grad minnha mistenni li l-post fejn seħħ l-inċident ma kienx dak indikat fiċ-ċitazzjoni, u dan meta saħħqet illi l-appellat tajjar lil vittma f'dik il-parti tat-triq li f'dak iż-żmien kienet indikata bħala Triq it-8 ta' Diċembru ġewwa Bormla u mhux Triq Santa Tereża, kif indikat mhux biss fiċ-ċitazzjoni iżda ukoll mix-xhieda li iddeponew u l-espert nominat mill-Qorti Mario Buttigieg.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-appellat kien mixli hekk;

> **"talli f' dawn il-Gżejjer Maltin, nhar l-24 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' fil-għodu (06:00hrs) u t-tmienja ta' fil-għodu (08:00hrs) ġewwa Triq Santa Tereza, Bormla."**

Imbagħad kull referenza li ssir għas-sit tal-inċident mill-membri tal-Korp tal-Pulizija involuti fl-investigazzjoni, kif ukoll mill-esperti maħtura fl-inkjesta maġisterjali, l-indikazzjoni tat-triq hija dik bl-isem "*Santa Tereza*". L-Espert Dr Mario Buttigieg, fir-relazzjoni tiegħu mbagħad jindika dik il-parti tat-triq iktar 'il fuq: -

> "**Illi, l-allegat inċident seħħ fil-parti li hemm il-liwja li hemm ġewwa Triq Santa Tereza kantuniera ma' Triq Paul Boffa, Bormla .... Illi x'ħin Callus kien għaddej fi Triq Santa Tereza u wasal kantuniera ma' Triq Paul Boffa, bil-quddiem tal-vettura tiegħu laqat il-persuna li kienet qed timxi f'nofs it-triq**".

Sussegwentement, aktar 'il quddiem fl-istess relazzjoni, l-espert ikompli jippreċiza li "**il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident hemm liwja u hija nklinata 'fuq**".

Illi, kemm mix-xhieda tal-appellat, kif ukoll mir-ritratti u il-pjanti eżebiti jirriżulta li l-impatt fatali, seħħ f'dik il-parti tat-triq li fiż-żmien l-inċident kienet iġġib l-isem ta' Triq it-Tmienja ta' Diċembru. Permezz ta' pjanta[1] eżebita mix-xhud Ramona Falzon

[1] Dok. RFG1.

Gatt, rappreżentant tal-Kunsill lokali ta' Bormla, liema pjanta tindika l-konfigurazzjoni tat-toroq f'dawk l-inħawi fejn seħħ is-sinistru u bl-ismijiet tat-toroq kif kienu fiż-żmien ta'l-inċident, huwa evidenti illi t-triq li tagħti mix-xatt ta' Bormla lejn it-telgħa li twassal għall-Birgu kienet maqsuma fi tlett partijiet, bl-ewwel parti hija indikata bħala Triq Dom Mintoff, imbagħad taqleb għal Triq Santa Tereża f'dik il-parti fejn hemm il-Knisja bl-istess isem, u fl-aħħar parti u ċioe' fil-kantuniera fejn seħħ l-inċident tissejjaħ Triq it-8 ta' Diċembru, fejn hemm tispiċċa l-parti pedonali ta' din it-triq.

Issa huwa indubitat illi l-parti fejn il-vittma kien qed jaqsam it-triq, u spiċċa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-appellat, hija dik il-parti fejn tibda Triq it-8 ta' Diċembru u allura fejn tispiċċa Triq Santa Tereża. Kwindi l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi l-inċident seħħ f'xi lok differenti minn dak indikat fiċ-ċitazzjoni. Ibda biex il-post ewlieni imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa dak indikat bħala fil-"Gżejjer Maltin" b'iktar 'il quddiem imbagħad hemm indikata Triq Santa Tereża. Illi allura meta l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-appellat b'akkużi marbuta mal-qtil involontarju ta' persuna fejn hemm indikat id-data u il-ħin meta seħħ l-inċident mertu tal-kaz, bl-ebda tigbid ta'l-immaġinazzjoni ma jista' jinghad illi l-post huwa indikat hazin bhala Triq Santa Tereża, meta l-impatt bejn il-vettura u il-*pedestrian* seħħ proprju vicin dak il-punt fit-triq fejn Triq Santa Tereża f'dak iż-żmien kienet tinghaqad ma' Triq it-8 ta' Diċembru, f'Bormla. Ma hemm ebda żball fl-indikazzjoni tal-lok fejn seħħ is-sinistru u dan għaliex huwa proprju fl-istess lok li ssir referenza għalih fiċ-ċitazzjoni għalkemm f'dik il-parti speċifika fejn seħħ l-impatt Triq Santa Tereża, kif ingħad tingħaqad ma' Triq it-08 ta' Diċembru, u l-provi kollha jindikaw l-istess lok. Li kieku l-isem tat-triq kien jindika lok għal kollox differenti, l-appellat kien ikollu raġun ġaldarba l-Prosekuzzjoni ma tkun tallbet ebda korrezzjoni fil-mori, iżda mhux il-każ f'dawn il-proċeduri fejn il-lok huwa l-istess u faċilment identifikabbli bħala l-istess wieħed indikat fiċ-ċitazzjoni, tant illi l-appellat kien f'posizzjoni jressaq id-difiża tiegħu. Kwindi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din il-lanjanza minnu ventilata u li allura jistħoqqilha akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta fir-rigward il-mertu illi kuntrarjament għal dak li stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kien hemm ebda nuqqas fl-provi mressqin mill-Prosekuzzjoni, u jekk kien hemm xi nuqqas dan ma kellux iwassal sabiex l-appellat ikun illiberat. Illi b'mod ewlieni jistrieħ fuq ir-rapport tal-espert Mario Buttigieg u jikkontendi illi għalkemm l-appellat kien qiegħed isuq fil-limitu tal-veloċita regolamentari għal dik iż-żona, madanakollu ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout* tant illi fil-mument li lemaħ lil vittma qiegħed jaqsam it-triq, għalkemm żamm il-brejk kien tard wisq biex l-impatt ikun evitat. L-Avukat Ġenerali jikkonċedi illi l-vittma naqas meta qabad u qasam minn parti fit-triq fejn hemm l-inkroċju u dan meta kien hemm il-post minn fejn seta jaqsam mingħajr periklu, bl-istrixxi pedonali iktar' il fuq u anke iktar 'il isfel fit-triq. Din in-negliġenza kontributorja, iżda, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali ma teżonerax lill-appellat mir-responsabbilta' tiegħu għas-sinistru, iktar u iktar meta ftit qabel l-lok ta'l-inċident hemm *pedestrian priority zone* fejn il-limitu ta' veloċita huwa ta' 30km fis-siegħa, u li hu kien għadu kif ħareġ minnha hekk kif kien ser jaqbad il-liwja fejn tajjar lil vittma, tant illi l-espert Buttigieg jikkonkludi li jekk l-appellat kien qed isuq b'veloċita rallentata ta' inqas mill-50km fis-siegha, l-inċident ma kienx ikun wieħed fatali. Fuq kollox, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali hemm l-ammissjoni tal-appellat stess fix-xiehda tiegħu, meta jisħaq illi kien madwar erba' metri 'il bogħod mill-vittma meta dan qabad u qasam u għalkemm żamm il-brejk l-azzjoni tal-vittma kienet tant mgħaġġla li huwa ma irnexxielux jiskapolah. Illi finalment jikkontendi illi ġaldarba kif stqarr l-appellat stess il-viżwali ma kenitx waħda tajba billi kien għadu id-dlam u id-dawl tat-triq kien ostakolat bis-siġar li hemm fil-viċinanzi, hu kellu jirrallenta u mhux jikkarga l-veloċita'. L-Avukat Ġenerali fil-fatt jagħmel referenza għal dak li hemm indikat fir-regolament 220 tal-*Highway Code* fejn hemm indikat illi l-limitu tal-veloċita' huwa l-massimu ta' *speed* li għandu jkun applikat u illi l-veloċita' għandha tkun adattata għaċ-ċirkostanzi partikolari tas-sewqan. Illi f'dan il-kwadru probatorju allura errat fil-fehma tal-Avukat Ġenerali l-Ewwel Qorti meta għaddiet biex tillibera lill-appellat mingħajr ma spjegat x'kienu dawk il-provi li fil-fehma tagħha ma inġiebux u li allura f'għajnejha ħolqu dak id-dubbju raġjonevoli dwar il-ħtija tal-ġudikabbli.

Illi s-sinistru stradali mertu tal-każ seħħ fit-telgħa li twassal mix-Xatt ta' Bormla għal dak l-inkroċju fit-triq fejn jiżbokka it-traffiku tielgħa mid-direzzjoni tal-knisja tal-Birgu lejn it-telgħa ta' Triq it-08 ta' Diċembru, ġewwa Bormla. Kien għal ħabta tas-sitta ta' fil-għodu fl-aħħar ta' Settembru meta l-vittma għal xi raġuni għażel li jaqsam it-triq proprju viċin dan l-inkroċju mix-xellug għal lemin u allura kellu jinvadi l-ewwel l-karreġġjata tat-traffiku tielgħa minn Bormla direzzjoni lejn il-Kalkara, mbagħad dik tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta sabiex jasal għad-destinazzjoni tiegħu. L-appellat kien qed isuq il-vettura tiegħu mudell Escort bin-numru JAA-189 tielgħa minn Bormla direzzjoni lejn il-Kalkara u kien qed jabqad il-liwja fit-telgħa hekk kif ħalla warajh iż-żona pedonali li hemm fix-Xatt ta' Bormla, meta osserva lill-vittma qed jaqsam it-triq, żamm il-brejk, iżda kien tard wisq u seħħ l-investiment. Il-ħsarat fuq il-vettura kienu jinsabu kollha fuq in-naħa tax-xellug, bil-vittma, raġel ta' 79 sena, jsofri minn feriti gravi li wasslu għad-deċess tiegħu ftit tal-jiem wara. Skiżż tal-inċident ma tħejjiex għalkemm kienet varata inkjesta maġisterjali biex b'hekk ma kienx determinat bil-preċiż fejn kien l-*ispot of impact*.

l-fatti probatorji li jemerġu mill-atti huma is-segwenti:

1. Il-post, minn fejn il-vittma għażel li jaqsam it-triq xejn ma kien indikat u għaqli, u allura post fit-triq fejn lanqas għandu jirfes *pedestrian*. Id-deċiżjoni avventata tiegħu sfortunatament swietlu ħajjtu.
2. Huwa stabbilit ukoll, minn dak dikjarat mill-appellat stess, illi huwa ma kellux viżwali tajba ghaliex kien id-dlam u is-siġar kienu qed jostru l-illuminazzjoni tat-triq.
3. L-appellat igħid li lemaħ lill-vittma qabel l-impatt meta kien madwar erba' metri 'il bogħod minnu, iżda dan qabad u qasam u allura għalkemm żamm il-brejk ma setax jevita l-impatt għax kien viċin wisq.
4. Fuq il-lok instabu brejk marks tul ta' madwar 12 il-metru, bil-vettura tieqaf madwar għaxar metri 'il fuq minn fejn seħħ l-impatt. L-espert għalhekk jikkonkludi illi l-appellat lemaħ lill-vittma iktar qabel l-erba' metri ndikati minnu.

5. Jidher li l-impatt kien wieħed qawwi tant illi l-vittma spiċċa fuq il-*bonnet* tal-vettura tant illi nkisret il-*windscreen* mal-impatt, bil-beritta tal-vittma tibqa imwaħħla fuq l-imsemmija *windscreen*.
6. Il-kondizzjoni tat-triq kienet wahda tajba, bl-art xotta, kien is-sajf għalkemm kien għadu ma sebaħx. L-appellat kien għadu kemm telaq miż-żona pedonali tat-triq fejn il-limitu ta' veloċita huwa ta' 30km fis-siegħa, u it-triq hija għat-telgħa.
7. Illi l-vettura tal-għamla Escort hija vettura piuttost antika immanifatturata fis-sena 1995 li ma kellhiex difett fil-*braking system* u lanqas fid-dawl, iżda kellha difett fil-*hand* brejk li ma kienx qed jorbot sew[2].
8. Illi l-ġrieħi sofferti mill-vittma kienu estensivi fejn mhux biss kellu ferita fuq rasu, iżda ukoll sofra frattura fl-għadam ta'saqajh u ksur fl-ispina f'tlett postijiet, bit-tbengil estensiv fuq spallejh in-naħa tax-xellug u in-naħa ta' isfel ta' għonqu ukoll fuq ix-xellug. Dawn il-ġrieħi wasslu għad-deċess tal-vittma[3].

Issa l-abbli difensur ta'l-appellat tishaq illi t-tort għal dan is-sinistru stradali jistrieħ unikament fuq l-ispalla tal-vittma u mhux fuq l-appellat, u dan apparti id-difiċ imressqa dwar l-indikazzjoni erronja fl-isem tat-triq, liema kwistjoni hija sorvolata kif ingħad iktar 'il fuq.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu qabel xejn jigi investit il-kwezit dwar x'inhi r-r-responsabbilta tal-*pedestrian* fit-triq meta imqabbel ma' dawk tas-sewwieq qabel ma tinoltra ruhha fil-kwestjoni dwar x'ighid id-dritt penali taghna dwar il-*culpa* u il-grad ta' prudenza mistenni mis-sewwieq fis-sewqan prudenti.

Ibda biex "*driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun*

[2] Ara rapport ta' Mario Buttigieg a fol.37
[3] Ara rapport espert mediko-legali Dr. Mario Scerri u tal-patoloġisti Dr. M.T. Camilleri u Dr. A. Safraz. Fols. 55 et seq.

*qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*"(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-oħra kien ukoll ritenut li:-

> "***Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoni ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian*** **." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).**

F' sentenzi ohra mbagħad kienu elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitanea tavverra ruha; eg. "*meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza.* (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)41."

Il-Qorti għaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jeżimi ruħu minn kull responsabbilta' għall-investiment ta' *pedestrian*. Il-Qorti kompliet:

> **"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet**
>
> ***a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***
>
> ***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
>
> ***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.""***

Arġinati għalhekk dawn il-linji gwida ġurisprudenzjali, għandu jfisser illi sabiex is-sewwieq ikun eżentat minn kwalunkwe responsabbilta' għall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova ċara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinħoloq mill-*pedestrian* meta jiddeciedi li jinvadi il-karreġġjata fit-triq riservata għall-vetturi, emergenza li tpoġġi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidħol il-grad tal-*culpa* tas-sewwieq għall-event dannuż u allura sabiex jiġi eżentat mir-responsabbilta', irid jkun determinat il-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li semmai tista' ġġib il-*culpa levissima* li ma hijiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)

Illi l-espert maħtura fl-inkjesta Mario Buttigieg jikkonkludi hekk:

> **"Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi Callus naqas billi huwa kellu l-obbligu li jħares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan tiegħu speċjalment meta hu kien għadu kemm telaq minn *pedestrian zone* u fil-viċinanzi hemm *pedestrian crossing*. Dan jindika illi Callus ma kellux *a proper lookout* tat-triq li kien qed isuq fiha."**

Illi l-Ewwel Qorti, iżda, għażlet li titbiegħed minn din il-fehma peritali u dan meta stqarret illi:

> **Illi mir-rapport ta' l-espert Mario Buttigieg irrizulta li fil-jum in kwistjoni t-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-vizibilita kienet tajba u il-ghaliex ukoll anke d-dwal pubblici kienu kollha qed jahdmu sew u t-triq kienet xotta.**
>
> **Irrizulta li l-vittma Alfred Aquilina kien qed jimxi minn naha tax-xellug ghan-naha tal-lemin tat-triq u f'parti fejn ma kienitx indikata ghal persuni biex jimxu. Illi l-ghazla tieghu sabiex jimxi f'parti ta' triq mhux intiza ghal nies pajzana kienet nuqqas serju da parti tal-vittma u per konsegwenza ikkaggunat negligenza kontributorja minn naha tieghu.**
>
> **Illi meta sehh l-impatt mal-vittma, l-imputat kien qed issuq qrib il hamsin (50) kilometru fis-siegha qabel ma sehh l-impatt. Illi meta lemah il-vittma ghafas il-brejk u irnexxilu inaqqas il-velocita ghal hamsa u erbghin (45) kilometru fis-siegha izda dan ma kienx bizejjed, l-impatt xorta sehh bil-**

**konsegwenza li l-vittma sofra griehi gravi u gie fil-perikolu tal-mewt u konsegwentement miet nhar it-3 ta' Ottubru 2019.**

**Mill-konkluzjoni ta' l-espert gie osservat fuq il-post ta' l-incident illi meta sehh l-incident l-vettura halliet sinjali ta' brekijiet fuq il-wicc tat-triq.**

**L-espert ikkonkluda fir-rapport tieghu illi l-imputat naqas mid-dover tieghu ghaliex kellu l-obbligu li jhares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan tieghu specjalment meta hu kien ghadu kemm telaq minn pedestrian zone u fil-vicinanzi kien hemm pedestrian crossing. Il-konsegwenza ta' dan huwa illi Callus ma kienx qed izomm a proper lookout tat-triq li kien qed isuq fiha.**

**Illi mir-rapport tat-tabib Dr Mario Scerri, Profs Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz ikkonkludew li l-kawza tal-mewt kienet minhabba frattura fl-ispina tal-vittma ikkawzata mill-impatt tal-vettura fuqu u hija unikament l-impatt tal-vettura li wasslet ghall-mewt tal-vittma.**

**Illi mir-ritratti li ttiehdu waqt l-inkjesta hemm diversi ritratti li juru d-dehra ta' fejn sehh l-incident u d-dinamika tieghu. Illi tidher il-vettura lejn in-nofs tal-karregjata kif ukoll ticpis tad-demm ma l-art tal-vittma. Jidher ukoll li l-impatt sehh direttament mal-windescreen tal-vettura fuq in-naha tax-xuffier.**

**Illi mill-provi jirrizulta li kien hemm certu fatturi li kienu ta xkiel ghall-imputat bhas-sigar, id-dawl limitat u l-fatt li l-vittma qasam kif qasam. Madankollu, l-imputat jikkonferma waqt ix-xhieda tieghu li huwa seta jarah, tant hu hekk li ghafas il-brejk u prova jevitah. Gie ikkonfermat ukoll li fil-jum in kwistjoni kien hemm vizibilita tajba.**

**Minn naha l-ohra jirrizulta li l-imputat ma kienx qed issuq b'velocita jew li ma kienx fuq in-naha tieghu tat-triq. Jirrizulta pero li l-vittma qasam hazin u ma qasamx minn fejn kien suppost. Fl-inhawi in kwistjoni hemm diversi postijiet minn fejn seta jaqsam. Illi dawn ikunu mahluqa halli n-nies pajzana ikollhom post sigur minn fejn jaqsmu u s-sewwieqa fl-istess hin ikunu attenti sabiex izommu proper lookout u jirispekkjaw is-sinjali u l-postijiet attrezzati sabiex in-nies ikunu jistghu jaqsmu minghajr inkwiet. S'intendi meta wiehed jaqsam f'parti ta' triq mhux intiza is-sewwieq filwaqt li ikun jista jara ma jfissirx li jkollu r-reflexes bizejjed sabiex jevita impatt u dan qieghed jinghad ghaliex f'dawk ic-cirkostanzi s-sewwieq ma jkunx qed jistenni li jsib xi hadd fit-triq. Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputat kien qed issuq b'velocita eccessiva u lanqas li kien qed issuq b'mod traskurat sakemm sar l-impatt mal-vittma.**

Wara dan l-Ewwel Qorti tirriskontra dubbju ukoll dwar il-post indikat fiċ-ċitazzjoni fejn seħħ l-inċident u qiset illi fid-dawl tan-nuqqasijiet fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni nħolqu diversi dubbji li kellhom jimmilitaw favur l-imputat, llum appellat.

Illi l-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-lok fejn seħħ l-inċident u l-indikazzjoni magħmula fiċ-ċitazzjoni, u qiset illi kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti ma rriskontrat ebda dubbju.

Il-Qorti hija perpless ukoll kif l-Ewwel Qorti qiset illi l-vittma kkontribwixxa għas-sinistru (u allura timplika li hemm ir-responsabbilta' tal-appellat ukoll), iżda iżjed 'il quddiem tindika illi l-appellat kien prudenti fis-sewqan tiegħu u li kien hemm diversi fatturi li servew ta' xkiel fis-sewqan tiegħu, għalkemm imbagħad fl-istess nifs tqis illi dan ma kellu ebda impatt fuq l-inċident billi l-appellat jammetti li lil vittma kien lemħu ftit qabel investieh.  Wara dan donnha terġa' titfa' l-ħtija fuq l-vittma li qasam it-triq minn post mhux indikat għal dan l-iskop u li allura l-appellat sabu inaspettatament quddiemu. Finalment tasal għal konkluzjoni illi ġaldarba il-lok tal-inċident ma kienx sewwa indikat fiċ-ċitazzjoni allura dawn il-fatturi kollha ħolqu dubbju dwar il-ħtija tal-appellat.

Illi l-Qorti ma tistax tikkondividi l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti. Jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza tagħha tqis illi l-vittma kkontribwixxa għas-sinistru, u mhux li hu kien unikament jaħti għalih. Tirrileva ukoll il-fatt li l-imputat *ex admissis* igħid illi lill-vittma kien lemħu qabel l-impatt u dan meta kien madwar erba metri 'il bogħod minnu, bl-espert jikkontendi illi fil-fatt lemħu anke tnax-il metru 'il bogħod u ċioe' mill-mument li applika il-*brakes* tant illi l-*brake-marks* kellhom tul ta' madwar tnax-il metru. Fil-fatt is-sewwieq laħaq aġixxa tempestivament u kif ingħad għafas il-brejk u anke ipprova jikser lejn il-lemin. Illi dawn il-fatturi allura kellhom iwasslu lil dik il-Qorti tikkonkludi li għalkemm huwa minnu li l-vittma ikkontribwixxa bil-kbir għal dan is-sinsitru, madanakollu dan il-fatt ma kellux jeżimi lill-appellat kompletament mir-responsabbilta' tiegħu ukoll.

Illi fil-jum li fih seħħ is-sinistru it-triq kienet xotta u l-viżibilta' tajba, tant illi l-appellat igħid li lill-vittma huwa rah qabel l-impatt.  L-appellat jammetti ukoll li din kienet triqtu mill-garaxx ta' ommu lejn id-dar tiegħu fil-Kalkara u li allura it-triq kien jafha sew, sabiex b'hekk kellu jkun aktar prudenti fis-sewqan tiegħu, iktar u iktar meta kien għadu ħiereġ minn żona pedonali u kien qed joqrob lejn inkroċju fit-triq minn fejn

jemerġi it-traffiku tielgħa minn naħa tal-knisja tal-Birgu. Kellu jirralenta sabiex jesplora dik il-parti tat-triq u mhux iżid fil-veloċita' kif igħid li fil-fatt għamel. Illi *di piu'* din il-Qorti temmen li l-impatt kien wieħed qawwi tant illi għalkemm l-appellat igħid li għafas il-brejk xorta irnexxielu igħolli lil vittma fuq il-*bonnet* tal-vettura, tant illi mad-daqqa il-*windscreen* tinkiser, bil-beritta tal-vittma tibqa imwaħħla mal-*car rack* fuq in-naħa ta' quddiem u l-vittma jispiċċa imtajjar fl-art. Illi l-appellat stess jammetti illi fil-ħin li seħħ l-inċident kien id-dlam u ma tantx seta' jara sew minħabba li it-triq ma kenitx imdawwla għaliex id-dwal kienu fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Dan kellu jfisser għalih li kellu jkun aktar kawt fis-sewqan tiegħu, tant illi fil-fatt meta lemaħ lill-vittma kien tard wisq. Illi finalment għalkemm l-appellat kien qed isuq bil-veloċita' regolamentari għal dik il-parti tat-triq, madanakollu dan ma kienx biżejjed biex jevita s-sinistru u kif jikkonkludi l-espert kieku baqa' jsuq bil-veloċita ta' 35 km fis-siegħa l-inċident seta' jkun evitat jew għal ta'l-inqas ma kienx ikun wieħed fatali. Illi allura għalkemm is-sewqan tal-appellat ma kienx wie]ed perikoluż, madanakollu jikklasifika ru]u bħala wieħed traskurat u dan meta għalkemm kellu viżibilita' mdgħajfa huwa xortawaħda aċċellera tant illi meta lemaħ lill vittma huwa ma setax jieqaf tempestivament. Dan ma kienx każ fejn l-appellat sab lil vittma inaspettatament quddiemu, għaliex hu stess jammetti li rah qabel, u allura l-Qorti tikkonkludi illi bil-veloċita' li kien għaddej biha ma setax jikkontrolla l-vettura u jieqaf minnufih, vettura li *del resto* għalkemm ma jirriżultax illi kellha xi difett fis-sistema tal-*brakes*, madanakollu kienet vettura immanifatturata fl-1995 u kellha il-*hand brake* ma jorbotx sew. Imbagħad, mix-xiehda tal-appellat mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023, jidher illi fil-ħin tal-inċident traffiku ieħor fit-triq ma kienx hemm[4] li seta' b'xi mod ifixklu jew jostakolalu l-viżwali, tant illi l-appellat igħid illi wara li ibbrejkja ipprova jisswervja lejn in-naħa tal-lemin tat-triq biex jevita lill-vittma.

Jikkonkludi hekk l-espert:

> **"Minn kalkoli xjentifiċi li l-esponent għamel irriżulta li kieku Callus saq il-vettura tiegħu b'veloċita' ta' ħamsa u tletin (35kfs) kilo metri fis-siegħa hu seta' jwaqqaf il-vettura tiegħu sitt metri punt tlieta ħamsa (6.35m) u b'hekk kien jevita lill-vittma miexja f'nofs it-triq. Illi huwa vera illi fit-triq bħal din,**

[4] Ara xiehda a fol.151 – "ma kien hemm assolutament ħadd la tiela' 'l fuq u anqas nieżel kontrija."

**sewwieq ma jistenniex illi jara lil xi ħadd miexi fit-triq speċjalment fuq il-karreġjata iżda dan ma jesonerax lis-sewwieq mir-responsabbilta' tiegħu. Illi din il-manuvra mingħajr ma Callus żamm a proper look-out tikostitwixxi f'sewqan b'nuqqas ta' prudenza ordinarja u għalhekk saq b'mod negliġenti jew traskurat liema negliġenza jew traskuragni wasslet sabiex tajjar il-vittmi waqt li kienet f'nofs it-triq. Dan wassal ukoll sabiex Alfred Aquilina weġġa' gravi u wara ftit miet bil-ġrieħi li hu sofra.**

**Illi l-esponent mhux qed jeskludi l-fatt li l-Alfred Aquilina uża t-triq b'mod negliġenti u kien miexi f'post mhux addatat minn fejn wieħed jaqsam."**

Illi allura abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet id-difiża tal-'emergenza subitanea' tfalli u għandha tkun eskluża bl-Ewwel Qorti għalhekk kellha tgħaddi biex issib ħtija fl-appellat, għalkemm, kif ingħad, f'dan il-każ hemm in-negliġenza kontributorja minn naħa tal-vittma, li din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni meta tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena, li ċertament għandha tkun waħda alternattiva għall-inkarċerazzjoni effettiva.

Finalment il-Qorti ma tistax tagħmel dak mitlub mill-Avukat Ġenerali fir-rikors ta'l-appell u ċioe' illi tillikwida d-danni favur il-familjari tal-vittma stante li, għalkemm il-parte ċivile kienet parti fil-proċeduri, ma ressqet ebda prova sabiex il-Qorti tista' tistabbilixxi l-*quantum* tad-danni sofferti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, u wara li rat l-artikoli 225(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-appellat Ruben Callus mit-tielet u mir-raba imputazzjoni, issibu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, tikkundannah għal perijodu ta' sitt xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sena mil-lum. Inoltre wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta tiskwalifika lill-appellat milli ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien xahar, li jibda jiddekorru mid-disgħa ta' għada fil-għodu. Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-appellat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' €1,916.87 rappreżentanti l-ispejjeż peritali.**

**Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**